PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

FINALI
**A6-0144/2006**

26.4.2006

# RAPPORT

dwar il-konkluzjoni tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba
(2006/2028(ACI))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Sérgio Sousa Pinto

PR_ACI_art120

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW......................................3

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................................................................5

ANNESS: FTEHIMA INTERISTITUZZJONALI BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR DIXXIPLINA GĦAL BAĠIT U AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA........................................................................................................12

PROĊEDURA ........................................................................................................................13

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba**
**(2006/2028(ACI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba mehmuża ma' din id-deċizjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 120(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u t-Taqsima IV, punti (1) u (2) u t-Taqsima XVIII, punt (4), ta' l-Anness VI tagħhom,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0144/2006),

Billi,

A. l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonkludew negozjati dwar Ftehima Interistituzzjonali ġdida dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba għall-perjodu 2007-2013 (aktar 'il quddiem imsemmija bħala 'l-abbozz tal-ftehima')

B. r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit jagħti evalwazzjoni pożittiva ta' l-għażliet politiċi u finanzjarji magħmula fl-abbozz tal-ftehima,

C. l-abbozz tal-ftehima ma jidhirx li joħloq xi problemi ta' inkompatibilità mal-liġi Ewropea primarja u jirrispetta kompletament il-prerogattivi tal-baġit tal-Parlament,

D. l-abbozz tal-ftehima ma jidher li joħloq l-ebda kunflitt mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; madanakollu, tista' titqajjem il-kwistjoni dwar jekk ikunx prudenti li jsiru xi emendi għar-Regoli ta' Proċedura, partikolarment l-Anness IV tiegħu, sabiex tkun possibli l-parteċipazzjoni tal-Parlament f'numru ta' proċeduri speċifiċi stipulati fl-abbozz tal-ftehima li għandhom iseħħu fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli; dan jista' jkun il-każ partikolarment fil-proċeduri dwar:

  – aġġustamenti tad-defiċit eċċessiv tal-gvern,
  – reviżjoni tal-qafas finanzjarju,
  – mobilizzazzjoni tar-Riserva ta' Għajnuna f'Emerġenza,
  – mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea,
  – mobilizzazzjoni ta' l-Istrument ta' Flessibilità,

[1] Rapport Böge (A6-0000/2006)

- mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
- aġġustament tal-qafas finanzjarju sabiex ikun lest għat-tkabbir,

1. Japprova t-test ta' l-abbozz tal-ftehima mehmuża ma' din id-deċizjoni;

2. Jitlob lill-Kumitat kompetenti tiegħu jeżamina safejn ikun xieraq li jinbidlu r-Regoli ta' Proċedura, u b'mod partikolari l-anness IV tiegħu sabiex tkun possibbli l-parteċipazzjoni tal-Parlament f'numru ta' proċeduri speċifiċi stipulati fl-abbozz tal-ftehima fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli;

3. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel evalwazzjoni sħiħa u komprensiva ta' l-aspetti kollha ta' l-infiq u r-riżorsi ta' l-UE; jinsisti li bħala s-sieħeb tal-Kunsill fil-qasam tal-baġit, għandu l-intenzjoni li jipparteċipa f'din ir-reviżjoni bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar sistema finanzjarja ġdida u komprensiva li tkun ġusta, li taħdem, li tkun progressiva u trasparenti u li tagħti lill-Unjoni l-kapaċità li tqabbel l-aspirazzjonijiet tagħha mar-riżorsi tagħha stess minflok mal-kontribuzzjonijiet magħmula mill-Istati Membri;

4. Jikkonferma l-opinjoni tiegħu li l-iqsfa finanzjarji kollha tal-futur għandhom ikunu stabbiliti għal perjodu ta' ħames snin b'mod kompatibbli mal-mandati tal-Parlament u tal-Kummissjoni;

5. Ifakkar li se jkun neċessarju li jkunu introdotti arranġamenti tranżitorji siguri fil-każ li jiġi fis-seħħ it-Trattat Kostituzzjonali qabel jiġi fi tmiemu l-qafas finanzjarju l-ġdid;

6. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikunu infurmati .

## NOTA SPJEGATTIVA

1. Il-kontenut tar-rapport futur tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar il-Ftehima Interistituzzjonali

Il-kontenut ta' dan ir-rapport dwar il-Ftehima Interistituzjonali l-ġdida dwar id-Dixxiplina tal-Baġit (IIA), li jinkludi il-Qafas Finanzjarju l-ġdid (QF - terminoloġija ġdida għal dak li sa issa kien jissejjaħ Prospettiva Finanzjarja) għal perjodu 2007-2013, huwa li janalizza l-implikazzjonijiet istituzzjonali u ta' proċedura tiegħu u b'mod partikolari sabiex jevalwa l-kompitabbiltà mal-liġi primarja u sabiex jeżamina l-bżonn eventwali li jsiru modifikazzjonijiet għar-Regoli ta' Proċedura li jippermettu l-implimentazzjoni tiegħu mingħajr ħafna diffikultajiet. Mhuwiex il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali li jippronunzja lilu nnifsu fuq il-merti jew fuq l-opportunità ta' l-għażliet politiċi u baġitarji li jesprimi, u lanqas fuq l-ammont ta' l-ispiża li jistipula. Dan huwa l-kontenut tar-rapport tal-Kumitat għall-Baġit, li r-rapporteur tiegħu, is-Sur Reimer Böge kellu sehem importanti waqt in-negozjati mal-Kunsill u mal-Kummissjoni. Sabiex jassistuh f'dawk in-negozjati diffiċli, il-kumitat tagħna ipproduċa dokument ta' ħidma[2]

2. Kompitabbiltà tat-IIA mat-Trattati u mar-Regoli ta' Proċedura

It-test li qablu fuqu it-tliet Istituzzjonijiet jibqa' b'mod ġenerali mal-IIA ta' l-1999 li għadu fis-seħħ izda huwa jintroduċi diversi tibdiliet u innovazzjonijiet. Wieħed *prima face* jista' jgħid li l-IIA l-ġdid ma joħloqx problemi speċifiċi ta' kompitabbiltà mal-liġi primarja li jistgħu jwasslu biex jiġi rrifjutat. B'mod ġenerali wieħed ma jarax punti ta' kunflitt mar-Regoli ta' Proċedura preżenti tal-Parlament. Madanakollu r-rapport iqajjem il-kwistjoni ta' jekk ikunx konvenjenti li jintroduċi xi tibdiliet fir-Regoli ta' Proċedura, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Anness IV, sabiex tittieħed il-kunsiderazzjoni xierqa għal proċeduri speċifiċi previsti fl-IIA. Dan jista' jkun il-każ fil-proċeduri relatati ma':

– aġġustamenti tad-defiċit eċċessiv tal-gvern, (punt 20)
– ir-revizzjoni tal-qafas finanzjarju, kemm sa kif ukoll aktar minn 0,03% tal-GNI (Punti 21 sa 23)
– il-mobilizzazzjoni tar-riserva ta' għajnuna f'emerġenza (punt 25)
– il- mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (Punt 26)
– il-mobilizzazzjoni ta' l-Istrument ta' Flessibilità (Punt 27)
– il-mobilizzazzjoni tal-Fond għall-Aġġustament tal-Globalizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea (Punt 28)
– l-aġġustament tal-qafas finanzjarju sabiex iħejji ruħu għat-tkabbir, (Punt 29)

Konsegwentement, ir-rapport jistieden lill-Kumitat kompetenti tal-Parlament sabiex jeżamina

[2] Disponibbli bl-Ingliż biss

safejn se jkun neċessarju li jinbidlu r-Regoli ta' Proċedura, b'mod partikolari l-Anness IV, sabiex tkun possibbli l-parteċipazzjoni tal-Parlament f'numru ta' proċeduri speċifiċi stabbiliti fl-IIA, bl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

3. L-aċċettazzjoni tal-MRI

One of the points that caused concerns to Parliament during the negotiations was Point 13, concerning the acceptance by the institutions of the maximum rates of increase (MRI) deriving from the budget adopted within the ceilings of the financial framework.

The Working Document mentioned above suggested to improve the text in order to stress how essential this point is for the Parliament. In fact, the Council has sometimes in the past been reticent to accept a budget that respects the ceilings of the FP but goes beyond the MRI. It is true that if the Institutions wish to exceed the MRI they must follow the procedure to fix a new MRI foreseen in article 272, paragraph 9 of the EC Treaty, for the IIA does not modify or derogate the Treaties. The goal of this point is precisely to state the engagement of the institutions to do so in order to comply with the FF they agreed on, and this is essential for Parliament.

The rapporteur would prefer that it be clear in the final text that the refusal of one of the Institutions to proceed in accordance with this clause would constitute a serious breach of the engagements assumed by the institutions in the IIA, and consequently of the principle of loyal cooperation, which would put the whole IIA into question. An alternative could be a declaration (a joint one or even an unilateral declaration of the Parliament), stating that the institutions (or the Parliament) consider(s) the non compliance with this clause as a serious breach of the engagements taken by the institutions in the IIA that justifies its denunciation (or in any way expresses that the Parliament considers itself no longer bind by the IIA should that breach occur). However, the final text was improved and it can be considered acceptable from the point of view of the Parliament.

4. The wide-range mid-term review

In a declaration annexed to the IIA the Commission undertakes to present a report in 2008/9 on a wide ranging review of all aspects of the financial system of the EU (spending and resources), according to the conclusions of the European Council of December 2005.

This raises the question of the convenience to foresee a specific procedure for this review, notably to preserve the role of EP. This review will be much more than a simple revision of the FF, it may imply a complete overhaul of the present IIA structure and it will very likely imply also proposals for modification of the present Own Resources system. Parliament should be associated to this procedure since its beginning, eventually through an interinstitutional working group. Parliament also insisted that the principle of the organisation of a Conference with national Parliaments and the European Parliament on this subject (National Parliaments have the final say in what concerns the modification of the Own Resources decision) be recognized in the text.

The text of the declaration on the review of the financial framework annexed to the IIA is a step in the right direction. However, it is not fully satisfactory from Parliament's point of view, hence the reaffirmation of its intentions in paragraph 3 of the report. Anyhow, one should bear in mind that, whatever the outcome of this process might be, any modification of the present IIA will have to be incorporated in a new IIA, which must be approved by all the institutions by a similar procedure to

the present one.

5. <u>The duration of the Financial Framework</u>

This question of the wide ranging review of the IIA may eventually be associated with the question of the duration of the FF, as in 2009 there will be a new Parliament and a new Commission. For a long time, Parliament has insisted that the financial framework should as much as possible match the mandate of the Parliament and of the Commission. This would mean a duration of the FF of 5 years, starting from the year of the European elections (N) + 1 or +2. As such, every Parliament and every Commission would have its word to say concerning the financial priorities of their mandates (or a substantial part of it). Not so in the present system, in which from time to time a Parliament is completely bind by the FF adopted by its predecessor and will not even have a word to say concerning the following FF. The same goes for the Commission. To avoid this situation - elected representatives of the citizens should be responsible for the main financial decisions taken during its mandate, in order to be accountable towards their electorate - the Constitution had foreseen (article III-402, paragraph 1) that the Multiannual Financial Framework would have a duration of "at least 5 years" (a certain flexibility is advisable in these matters).

The resolution on Policy Challenges and Budgetary Means of the enlarged Union[3] although reminding in principle this position of the Parliament[4], finally accepted, due to practical reasons, for this IIA the proposed duration of seven years, considering that "... *a shorter time framework would be technically and politically impractical, (...) a longer financial perspective will contribute to the stability of the system and facilitate the programming of the cohesion policy and of other financial instruments of the common budget*"[5].

Nevertheless, in that resolution the Parliament requests "...*its delegation negotiating the Interinstitutional Agreement to insist that the future Interinstitutional Agreement include provisions guaranteeing a longer (up to 7 years) duration for multi-annual programmes, compared to the duration of the future Financial Perspective, in particular for major policies such as agricultural policy, structural and cohesion policy and research*".

As an alternative, the IIA could foresee a special procedure for revision of the FF at the time of the election of a new Parliament (and the entering into function of a new Commission).

Despite the efforts of Parliament's negotiators, the final text is not fully satisfactory on this question. It may well be that concerning this particular financial framework, the wide-range review foreseen will coincide with the mandate of the Parliament elected in 2009 and the new Commission. However, paragraph 4 of the report clearly reaffirms the position of Parliament on

---

[3] Adopted on 08 06 2005, A6-153/05

[4] Idem, paragraph 33: "33. Notes that the Commission has proposed a financial framework of 7 years' duration; reiterates, for reasons of democratic responsibility and accountability, its position in favour of a parallelism between the duration of the Financial Perspective and the five-year mandates of the European Parliament and of the Commission, and recalls that the Constitution provides for a duration for the future MFF of a minimum of five years, which would allow for co-ordination with the terms of office of the Commission and of the European Parliament..."

[5] Idem, paragraph 34.

this matter.

6. Some questions concerning majorities

*6.1. The majorities for revising the financial framework*

Point 22 of the draft IIA also raises some controversial questions that should be addressed in the future. Apart from some possible improvements of the drafting from a legal point of view - namely in what concerns the procedure and the majorities for the adoption of revision up to or superior to 0,03% of the GNI (paragraphs 2 and 3 of Point 22) -, the rapporteur considers that requiring unanimity in the Council for any review of the FF above 0,03% of the Community GNI is excessive. The difficulties in obtaining an agreement in the Council during last year showed the limits of this method of decision. We are talking about reviewing the existing FF, not replacing it by a new one, and experience shows how unlikely a review in those terms it is. The wisest thing to do would be to keep the particular procedure of decision foreseen in Point 3 of the IIA (qualified majority in the Council and absolute majority of members and 3/5 of the votes cast in the Parliament) to any review of the IIA (up to or above 0,03%), and propose a simplified procedure for revisions concerning small amounts (up to xxx millions), in which, for ex., the Council would decide on compulsory expenses, and the Parliament on non-compulsory expenses, according to the rules foreseen in article 272 of the Treaty and the Financial Regulation. This could even be accompanied by a tighter definition on Point 21 of the circumstances in which such a revision can take place. The council did not accept this logic this time, but Parliament could consider this proposal in a future revision of the IIA.

*6.2. The convenient majority for Parliament to express its consent to commit politically to the IIA*

In its resolution of last June that defines its position for the negotiations on the new IIA, the Parliament considered that, due notably to the "utmost political importance" of the next Financial Perspective, it "*should only consent to commit itself in an agreement on the next Financial Perspective if this is approved by a majority of its members*".[6]

It seems perfectly legitimate that the European Parliament wishes to gather a strong majority of its members to engage itself politically in an agreement with the other institutions that will to some extent result in a self-restriction in the use of the prerogatives that the Treaties vested on him. To this extent it would be convenient that this political will of the Parliament be translated in the text of the agreement through a specific clause or in a declaration in which the other institutions acknowledge this position stated by the Parliament.

Although the final text of the IIA does not refer to this, the rapporteur considers that, should the Parliament insist in its position, the fact that several clauses of the text of the precedent IIA, as of the present agreed one (notably concerning its revision, the mobilisation of several of its mechanisms etc.), already require specific procedures of decision and majorities that are not foreseen in the Treaties seem to indicate that it would be entitled to do so.

---

[6] Adopted on 08 06 2005, A6-153/05, paragraph 11.

7. Transitional provisions in the event that the Constitution enters into force

The report stresses (Paragraph 5) the convenience of foreseeing a specific transitional system for the eventual entrance into force of the Constitutional Treaty during the period of this FF. In fact, the Constitutional Treaty deeply modifies the rules on own resources, financial framework and annual budgetary procedure, as well as their interrelation. In the rapporteur's opinion, the IIA should address, for instance, the question of how the Institutions should proceed to pass from the IIA to the future European law containing the Multiannual Financial Framework, etc. The new Point 4 of the IAA, concerning future Treaty revisions with budgetary consequences, constitutes a positive step, but it is not fully satisfactory.

8. Other questions

The rapporteur congratulates himself with the progress made during the negotiations, thanks to the efforts of the Parliament's negotiators, on other questions, notably:

– democratic scrutiny and coherence of external actions, namely in what concerns the budgetary implementation of some of the new instruments foreseen in the field of external relations and development, in order to preserve the prerogatives of Parliament (namely the two declarations on democratic scrutiny and coherence of external actions) matter);
– the financing of agencies (and European schools), particularly in what concerns the need of defining mechanisms to ensure that the eventual future agencies will be given the necessary financial means to pursue their missions without reducing the funds available for the programs (Point 47 of the IIA);
– the need to ensure an adequate funding of eventual additional expenditure on the area of freedom, security and justice (i.e. the funding of Europol by the EU budget) that ensures Parliament's rights (Declaration of the European Parliament);
– the review of the Financial Regulation (Point 45 and declarations two annexed to the IIA).

## ANNESS: FTEHIMA INTERISTITUZZJONALI BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR DIXXIPLINA GĦAL BAĠIT U AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA

**IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,**

**MINN HAWN 'IL QUDDIEM IMSEJĦA L-ISTITUZZJONIJIET,**

**FTIEHMU KIF ĠEJ:**

| |
|---|
| 1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li tkun implimentata d-dixxiplina tal-baġit u biex jitjieb it-tħaddim tal-proċedura annwali tal-baġit u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fuq materji marbuta mal-baġit kif ukoll sabiex tkun żgurata amministrazzjoni finanzjarja tajba. |
| 2. Id-dixxiplina tal-baġit taħt dan il-Ftehim tkopri n-nefqa kollha. Din torbot lill-istituzzjonijiet kollha sakemm dan il-Ftehim jibqa' fis-seħħ. |
| 3. Dan il-Ftehim ma jibdilx is-setgħat tal-baġit rispettivi ta' l-istituzzjonijiet, kif stabbilit fit-Trattati. Fejn issir referenza għal dan il-Punt fit-test preżenti, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata waqt li l-Parlament b'maġġoranza tal-membri tiegħu u bi tlieta minn kull ħames voti mitfugħa, skond ir-regoli tal-votazzjoni stabbiliti fil-ħames sub-paragrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-'Trattat KE'). |
| 4. Jekk isseħħ reviżjoni tat-Trattat b'implikazzjonijiet dwar il-baġit waqt il-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-qafas finanzjarju), l-aġġustamenti meħtieġa jsiru skond din. |
| 5. Kwalunkwe emenda f'dan il-Ftehim teħtieġ il-kunsens ta' l-istituzzjonijiet kollha. Kull tibdil fil-qafas finanzjarju għandu jsir skond il-proċeduri stabbiliti għal dak il-għan f'dan il-Ftehim. |
| 6. Dan il-Ftehim fih tliet partijiet:<br>– Parti I fiha definizzjoni u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-qafas finanzjarju u tapplika għall-perijodu kollu ta' dak il-qafas finanzjarju.<br>– Parti II tittratta dwar it-titjib fil-kollaborazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura tal-baġit.<br>- Parti III fiha dispożizzjonijiet marbuta ma' l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-finanzi ta' l-UE. |
| 7. Kull meta l-Kummissjoni tqisha meħtieġa u kull meta tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju ġdid skond il-punt 30, din għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jkun akkumpanjat fejn meħtieġ minn proposta bl-emendi. |
| 8. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007u jissostitwixxi:<br>– il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit[7],<br>– il-Ftehim Interistituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iffinanzjar tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea li jissupplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit.[8] |
| **PARTI I – IL-QAFAS FINANZJARJU:<br>DEFINIZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI** |

[7] ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.
[8] ĠU C 283, 20.11.2002, p. 1.

### A. Il-Kontenut u l-kamp t'applikazzjoni tal-qafas finanzjarju

9. Il-qafas finanzjarju hu stabbilit fl-Anness I. Dan isawwar il-qafas ta' referenza għad-dixxiplina tal-baġit interistituzzjonali.

10. Il-qafas finanzjarju huwa maħsub li jiżgura li, fit-terminu medju, in-nefqa ta' l-Unjoni Ewropea, maqsuma skond kategoriji wiesgħa, tiżviluppa b'mod ordnat u fil-limiti tar-riżorsi proprji.

11. Il-qafas finanzjarju jistabbilixxi ,għal kull waħda mis-snin 2017 sa 2013 u għal kull intestatura jew sotto-intestatura, ammonti ta' nefqa f'termini ta' approprjazzjonijiet għall-impenji. B'mod ġenerali, it-totali annwali tan-nefqa huma murija wkoll f'termini kemm ta' approprjazzjonijiet għall-impenjikif ukoll ta' approprjazzjonijiet' għall-ħlas.

Dawn l-ammonti kollha huma mfissra fi prezzijiet ta' l-2004.

Il-qafas finanzjarju ma jqisx il-punti tal-baġit ffinanzjati minn dħul assenjat fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[9], minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-'Regolament Finanzjarju'.

Informazzjoni marbuta ma' operazzjonijiet li m'humiex inklużi fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp antiċipat ta' kategoriji varji tar-riżorsi tal-Komunità huma stabbiliti, b'indikazzjoni, f'tabelli separati. Din l-informazzjoni se tkun aġġornata annwalment meta jsir l-aġġustament tekniku fil-qafas finanzjarju.

12. L-istituzzjonijiet jagħrfu li kull wieħed mill-ammonti assoluti murija fil-qafas finanzjarju jirrappreżenta livell annwali fuq in-nefqa taħt l-baġit ġenerali ta' l-UnjoniEwropea. Bla ħsara għal kwalunkwe tibdil f'dawk il-limiti massimi ffissati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, l-istitutuzzjonijiet qegħdin jimpenjaw irwieħhom li jużaw is-setgħat rispettivi tagħhom b'tali mod li jikkonformaw mad-diversi limiti massimi ffissati ta' infiq annwali matul kull proċedura tal-baġit u meta jkunu qed jiġi implimentat l-il-baġit għas-sena kkonċernata.

13. Billi jaqblu dwar il-Ftehim preżenti, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit jaqblu li jaċċettaw ir-rati ta' żieda għan-nefqa mhix obbligatorja ġejja mill-baġits ffissati fil-limiti massimi stabbiliti bil-qafas finanzjarju għat-tul kollu tiegħu.

Ħlief għas-sub-intestatura 1B 'Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u għall-Impjiegi' tal-qafas finanzjarju, sabiex ikun hemm amministrazzjoni finanzjarja tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw kemm jista' jkun matul il-proċedura tal-baġit u waqt l-adozzjoni tal-baġit li jibqa' jkun hemm marġini biżżejjed taħt il-limiti massimi ffissati għad-diversi intestaturi.

14. L-ebda att adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill taħt il-proċedura tal-ko-deċiżjoni u l-ebda att li jkun ġie adottat mill-Kunsill li jħalli li jinqabżu l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit jew fl-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju skond il-Punt 12 ma jista' jiġi implimentat f'termini finanzjarji qabel ma l-baġit jkunu ġew emendati u, jekk meħtieġ, qabel ma l-qafas finanzjarju jkun ġie rivedut kif suppost skond il-proċedura relevanti għal kull wieħed minn dawn il-każijiet.

15. Għal kull sena koperta bil-qafas finanzjarju, l-approprjazzjonijiet totali għall-ħlas meħtieġ, wara l-aġġustament annwali u wara li jkunu tqiesu kull aġġustament jew reviżjoni oħra, m'għandhomx ikunu tali li jipproduċu rata ta' sejħiet lura għar-riżorsi proprji li tkun tiżboq il-limitu massimu ffissat għar-riżorsi proprji.

Jekk ikun hemm il-ħtieġa, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit għandhom jiddeċiedu, skond il-Punt 3, li jbaxxu l-limiti massimi ffissati fil-qafas finanzjarju biex tkun żgurata l-konformità mal-limitu massimu ffissat għar-riżorsi proprji.

9 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

## B. Aġġustamenti annwali tal-qafas finanzjarju

*Aġġustamenti tekniċi*

16. Kull sena l-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi qabel il-proċedura tal-baġit għas-sena n+1, tagħmel l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin fil-qafas finanzjarju:
(a) rivalutazzjoni, skond il-prezzijiet tas-sena n+1, tal-limiti massimi u tal-figuri ġenerali għall-approprjazzjonijiet għall-impenji kif ukoll għal dawk ta' l-infiq;
(b) kalkolu tal-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji.
Il-Kummissjoni twettaq dawk l-aġġustamenti tekniċi fuq il-bażi ta' deflatur fiss ta' 2% kull sena.
Ir-riżultati ta' dawk l-aġġustamenti tekniċi u l-previżjonijiet ekonomiċi li fuqhom huma msejsa se jkunu kkomunikati liż-żewġ dirgħajni ta' l-awtorità -tal-baġit.
Mhu se jsiru l-ebda aġġustamenti tekniċi oħra fir-rigward tas-sena kkonċernata, jew matul is-sena jew bħala korrezzjonijiet ex-post matul is-snin ta' wara.

17. Fl-aġġustament tekniku tagħha għas-sena 2011, jekk ikun stabbilit li l-GDP akkumulat ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri għas-snin 2007-2009 ikun varja b'aktar minn +/- 5 % mill-GDP akkumulat stmat waqt it-tfassil ta' dan il-Ftehim , il-Kummissjoni taġġusta l-ammonti allokati minn fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għal l-Istat Membru kkonċernat f'dak il-perjodu. L-effett nett totali, kemm jekk pożittiv jew negattiv ta' dawk l-aġġustamenti ma jistax jaqbeż EUR 3 biljun. Jekk l-effett nett ikun pożittiv, ir-riżorsi addizzjonali totali għandhom ikunu limitati għal-livell ta' nfiq anqas kontra l-limiti massimi għas-sub-intestatura 1B għas-snin 2007-2010. L-aġġustamenti meħtieġa jinfirxu fi proporzjonijiet ugwali tul is-snin 2011-2013 u l-limiti massimi korrispondenti jkunu modifikati skond dawn.

*Aġġustamenti marbuta ma' l-implimentazzjoni*

18. Meta jiġu avżati ż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit dwar l-aġġġustamenti tekniċi għall-qafas finanzjarju, il-Kummissjoni se tippreżenta kwalunkwe proposti għall-aġġustamenti għall-approprjazzjonijiet totali għall-ħlas, li hi tkun tqis bħala meħtieġa, fid-dawl ta' l-implimentazzjoni, biex tkun żgurata progressjoni ordnata fejn għandhom x'jaqsmu l-approprjazzjonijiet għall-impenji. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jieħdu deċiżjonijiet dwar dawkl il-proposti qabel l-1 ta' Mejju tas-sena n, skond il-Punt 3.

*L-aġġornament tal-previżjoni għall-approprjazzjonijiet ta' l-infiq wara l-2013*

19. Fl-2010, il-Kummissjoni se taġġorna l-previżjonijiet għall-approprijazzjonjijiet tal-ħlas wara l-2013. Dak l-aġġornament se jqis l-implimentazzjoni reali ta' l-approprjazzjonijiet tal-baġit għall-impenji u l-approprjazzjonijiet għall-ħlas, kif ukoll il-previżjonijiet ta' l-implimentazzjoni. Din se tqis ukoll ir-regoli definiti biex ikun żgurat li l-approprjazzjonijiet għall-ħlas jiżviluppaw b'mod ordnat meta mqabbla ma' l-approprjazzjonijiet għall-impenji u l-previżjonijiet tat-tkabbir tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) ta' l-Unjoni Ewropea.

*L-aġġustamenti marbuta ma' dejn nazzjonali eċċessiv*

20. Fil-każ tat-tneħħija ta' sospensjoni ta' l-impenji ta' l-baġit li jirrigwardaw il-Fond ta' Koeżjoni fil-kuntest ta proċedura ta' defiċit governattiv eċċessiv, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u b'konformità ma' l-att bażiku relevanti,, jiddeċiedi dwar trasferiment ta' impenji sospiżi għas-snin ta' wara. L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+2.

**Reviżjoni tal-qafas finanzjarju**

21. B'żjieda ma' l-aġġustamenti tekniċi regolari u l-aġġustamenti  li hemm skond il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni, il-qafas finanzjarju jista' jiġi rivedut skond il-limitu massimu ffissat għar-riżorsi proprji, fuq proposta mill-Kummissjoni, f'każ li jkun hemm ċirkustanzi mhux mistennija.

22. Bħala regola ġenerali, kwalunkwe proposta għar-reviżjoni taħt il-punt 21 għandha tiġi ppreżentata u adottata qabel il-bidu tal-proċedura tal-baġit għal dik is-sena jew għall-ewwel waħda mis-snin ikkonċernati.

Kwalunkwe deċiżjoni biex ikun rivedut il-qafas finanzjarju sa mhux aktar minn 0,03 % tal-GNI tal-Unjoni Ewropeafil-marġini għal nefqa mhux prevista, għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ dirgħajni ta' l-awtorità tal-baġit li taġixxi skond il-Punt 3.

Kull reviżjoni tal-qafas finanzjarju 'l fuq minn 0,03 % tal-GNI ta' l-Unjoni Ewropea li jkun fil-marġini għal infiq mhux previst għandha ssir b'mod konġunt miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità ta' l-baġit, bil-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu.

23. Bla preġudizzju għall-Punt 40, l-istituzzjonijiet se jistħarrġu l-iskop għall-allokazzjoni mill-ġdid tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata bir-reviżjoni, b'referenza speċjali għal kwalunkwe nuqqas ta' użu mistenni ta' l-approprjazzjonijiet. L-għan għandu jkun li ammont sostanzjali, f'termini assoluti u bħala persentaġġ tan-nefqa l-ġdida ppjanata, għandu jkun stabbilit fi ħdan il-limitu massimu eżistenti għall-intestatura.

L-istituzzjonijiet se jeżaminaw l-iskop għall-ibbilanċjar ta' kwalunkwe  żieda fil-limiti massimi ffissati għal intestatura waħda billi jitnaqqas il-limitu massimu ta' oħra.

Kwalunkwe reviżjoni ta' neqfa obbligatorja fil-qafas finanzjarju ma tistax twassal għal tnaqqis fl-ammont disponibbli għan-nefqa mhux obbligatorja.

Kwalunkwe reviżjoni għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlas.

**D. Il-Konsegwenzi tan-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fuq l-aġġustament jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju**

24. Jekk ill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jaslux ghal ftehim dwar kwalunkwe aġġustament jew reviżjoni fil-qafas finanzjarju propost mill-Kummissjoni, l-ammonti stabbiliti qabel għandhom, wara l-aġġustament tekniku annwali, ikomplu jgħoddu bħhala l-limiti massimi  tan-nefqa għas-sena in kwistjoni.

**E. Ir-Riżerva ta' l-Għajnuna ta' Emerġenza**

| |
|---|
| 25. L-għan tar-Riżerva ta' l-Għajnuna ta' Emerġenza huwa li jkun hemmi tweġiba mill-ewwel għal ħtiġiet ta' għajnuna speċifika lil pajjiżi terżi wara li jkunu seħħew ġrajjiet mhux mistennija u meta l-baġit ikun kienu diġà ġie stabbilit; l-ewwel u qabel kollox din għandha tingħata għal ħidmiet umanitarji, iżda wkoll għall-immanġġjar ta' kriżijiet ċivili u għall-protezzjoni fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk. L-ammont annwali tar-Riżerva għandu jkun iffissat għal EUR 221 miljun għall-perijodu kollu tal-qafas finanzjarju, fi prezzijiet kostanti.<br>il-Riżerva tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet għall-impenji korrispondenti se jiddaħħlu fil-baġit, jekk meħtieġ, 'il fuq mill-limiti massimi stabbiliti fl-Anness 1.<br>Meta l-Kummissjoni tqis li r-Riżerva teħtieġ li tintuża, din għandha tippreżenta liż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit proposta għat-trasferiment mir-riżerva għal-linji korrispondenti tal-baġit .<br>Qabel kull proposta mill-Kummissjoni għal trasferiment mir-Riżerva , madankollu, għandu jsir stħarriġ dwar l-iskop għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' l-approprjazzjonijiet.<br>Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposti tagħha għat-trasferiment, il-Kummissjoni se tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk ikun meħtieġ f'għamla simplifikata, biex ikun żgurat il-ftehim taż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit fuq il-ħtieġa li tintuża r-riżerva kif ukoll fuq l-ammont meħtieġ. It-trasferimenti ser isiru skond l-Artikolu 26 tar-Regolament Finanzjarju. |
| **F. Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea**<br><br>26. Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea hu intiż sabiex ikun hemm għajnuna finanzjarja mill-ewwel fil-każ ta' diżastri kbar li jseħħu fit-territorju ta' Stat Membru jew pajjiż kandidat, kif deskritt fl-att bażiku relevanti. Għandu jkun hemm limitu massimu ffissat fuq l-ammont annwali disponibbli għall-Fond; ta' EUR 1 biljun (prezzijiet kurrenti). Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikun jista' jkopri ħtiġiet li jsiru sa tmiem dik is-sena. Il-parti ta' l-ammont annwali li mhix imdaħħla fl-baġit ma tistax titmexxa għas-snin ta' wara.<br>F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-Fond fis-sena meta jkun seħħ id-diżastru, kif msemmija fl-att bażiku relevanti, ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ammont ta' assistenza meqjus bħala neċessarju mill-awtorità tal-baġit, il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tkun iffinanzjata mill-ammonti annwali disponibbli tas-sena ta' wara. L-ammont annwali tal-Fond li jkun stmat kull sena ma jistax jeċċedi 1 EUR biljun taħt kwalunkwe ċirkustanza.<br>Meta l-kundizzjonijiet biex ikun jista' jiġi mobilizzat il-Fond , kif stabbilit fl-att bażiku relevanti, jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex dan ikun jista' jiġi mħaddem. Fejn ikun hemm raġuni għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura li tkun teħtieġ nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tqis dan meta tagħmel il-proposta meħtieġa, skond ir-Regolament Finanzjarju , permezz ta'l-istrument xieraq tal-baġit. Id-deċiżjoni biex jitħaddem il-Fond għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit skond il-Punt 3.<br>L-approprjazzjonijiet ta' impenji korrispondenti se jiddaħħlu fil-baġit, jekk ikun meħtieġ, 'il fuq mill-ammonti massim ta' l-intestaturi relevanti stabbiliti fl-Anness 1.<br>Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposta tagħha għal deċiżjoni biex jitħaddem il-Fond, il-Kummissjoni se tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk meħtieġ f'għamla simplifikata, biex ikun żgurat il-ftehim bejn iż-żewġdirgħajni ta' l-awtorità tal-baġit dwar il-ħtieġa li jintuża l-Fond u dwar l-ammont meħtieġ. |
| **G. Strument ta' Flessibbiltà**<br><br>27. L-Istrument ta' Flessibbiltà b'limitu massimu annwali ta' EUR 200 miljun (prezzijiet kurrenti) hu maħsub biex ikun hemm l-iffinanzjar, għal sena finanzjarja partikolari u sa l-ammont indikat, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar.<br>Il-parti ta' l-ammont annwali li ma tintużax tista' tiġi trasferita 'l quddiem sas-sena n+2. Jekk l-Istrument ta' Flessibbiltà ikun mobilizzat, kwalunkwe trasferimenti 'l quddiem jittieħdu l-ewwel, f'ordni ta' żmien. Il-parti ta' l-ammont annwali mis-sena n li ma tintużax fis-sena n+2 taqa'. |

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se tagħmel proposta għall-użu ta' l-Istrument ta' Flessibbiltà ta' flessibbiltà wara li din tkun stħarrġet il-possibbiltajiet kollha biex l-approprjazzjonijiet ikunu allokati mill-ġdid taħt l-intestatura li tkun teħtieġ nefqa addizzjonali.<br>Il-proposta tkun tirrigwarda l-prinċipju ta' l-utilizzazzjoni ta' l-istrument u tidentifika l-bżonnijiet li għandhom ikunu koperti u l-ammont. Il-proposta tista' tiġi ppreżentata, għal kwalunkwe sena finanzjarja partikolari, matul il-proċedura tatal-baġit. Il-proposta tal-Kummissjoni se tiddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit jew inkella tkun akkumpanjata, skond ir-Regolament Finanzjarju, mill-istrument tal-baġit li jkun xieraq.<br>Id-deċiżjoni li jitħaddem l-Istrument ta' Flessibbiltà se tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit skond il-Punt 3. Jintlaħaq ftehim permezz tal-proċedura ta' konċiljazzjoni li hemm fl-Anness II, Parti C |
| **H. Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**<br><br>28. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni hu intiż sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali għal ħaddiema li jbatu l-konsegwenzi ta' tibdil strutturali ewlieni fix-xejriet tal-kummerċ dinji, sabiex jassistihom fl-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.<br>Il-Fond m'għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet kurrenti) li jistgħu jittieħdu minn kwalunkwe marġini eżistenti taħt l-ammont massimu ta' nefqa globali tas-sena ta' qabel, u/jew minn approprjazzjonijiet ta' impenn kanċellati mis-sentejn ta' qabel, esklużi dawk marbuta ma' l-intestatura 1B tal-qafas finanzjarju.<br>L-approprjazzjonijiet se jiddaħħlu fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bħala dispożizzjoni permezz tal-proċedura normali tal-baġit hekk kif il-Kummissjoni tkun identifikat il-marġini suffiċjenti u/jew tkun ħassret l-impenji, skond it-tieni paragrafu.<br>Meta l-kundizzjonijiet biex ikun jista' jiġi mobilizzat il-Fond , kif stabbilit fl-att bażiku relevanti, jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex jitħaddem. Id-deċiżjoni biex jitħaddem il-Fond għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit skond il-Punt 3.<br>Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposti tagħha għal deċiżjoni biex jitħaddem il-Fond, il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk ikun meħtieġ f'għamla simplifikata, biex ikun żgurat il-ftehim taż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit fuq il-ħtieġa li jintuża l-Fond u fuq l-ammont meħtieġ.<br>It-trasferimenti marbuta mal-Fond ser isiru skond l-Artikolu 24(4) tar-Regolament Finanzjarju.<br>L-approprjazzjonijiet għall-impenji korrispondenti se jiddaħħlu fil-baġit taħt l-intestatura relevanti, jekk meħtieġ 'il fuq mill-ammonti massimi kif stabbiliti fl-Anness 1. |
| **I. L-Aġġustament tal-qafas finanzjarju biex jilqa' għat-tkabbir**<br><br>29. Fejn Stati Membri ġodda jidħlu fl-Unjoni Ewropea matul il-perijodu kopert mill-qafas finanzjarju, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni u skond il-Punt 3, għandhom jaġġustaw b'mod konġunt il-qafas finanzjarju biex jitqiesu l-kriterji tan-nefqa li jkunu ġejjin mill-konklużjonijiet tan-negozjati għall-adeżjoni |

**J. It-tul ta' żmien tal-qafas finanzjarju u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta'qafas finanzjarju**

30. Qabel l-1 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni se tippreżenta proposti għal qafas finanzjarju ġdid ta' terminu medju.
Jekk iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit ma jaqblux fuq qafas finanzjarju ġdid, u sakemm il-qafas finanzjarju eżistenti ma jintemmx espressament minn waħda mill-istituzzjonijiet, il-limiti massimi għall-aħħar sena koperti mill-qafas finanzjarju eżistenti għandhom jiġu ffissati skond il-Punt 16. Dan sabiex il-limiti massimi ita' l-2013 ikunu jistgħu jinżammu fi prezzijiet kostanti. Fejn Stati Membri ġodda jidħlu fl-Unjoni Ewropea wara l-2013, u jekk jitqies bħala meħtieġ, il-qafas finanzjarju estiż għandu jiġi aġġustat biex jitqiesu r-riżultati tan-negozjati ta'l-adeżjoni.

**PARTI II – IT-TITJIB TAL-KOLLABORAZZJONI INTERISTITUZZJONALI MATUL IL-PROĊEDURA TA L-BAĠIT**

**A. Il-Proċedura tal-kollaborazzjoni interistituzzjonali**

31. L-istituzzjonijiet jaqblu li jistabbilixxu proċedura għall-kollaborazzjoni interistituzzjonali f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-baġit. Id-dettalji ta' din il-kollaborazzjoni huma stabbiliti fl-Anness II;.

**B. It-Twaqqif tal-Baġit**

32. Ta' kull sena l-Kummissjoni se tippreżenta abbozz preliminari tal-baġit li jkun juri l-ħtiġiet ta' l-iffinanzjar attwali tal-Komunità.
Dan se jqis:
– (a) previżjonijiet dwar il-Fondi Strutturali pprovduti mill-Istati Membri,
– (b) il-kapaċità li l-approprjazzjonijiet jintużaw, waqt li jsir sforz li tinżamm relazzjoni stretta bejn l-approprjazzjonijiet għall-impenji u dawk għal-ħlas,
– (c) il-possibbiltajiet biex jingħata bidu għal politika ġdida permezz ta' proġetti pilota u/jew azzjonijiet ġodda ta' tħejjija jew azzjonijiet multiannwali kontinwi li jkunu waslu biex jintemmu, wara li jkun valutat jekk ikunx possibbli li jkun jsir att bażiku, fit-tifsira ta' l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju (tifsira ta' att bażiku, ħtieġa ta' att bażiku għall-implimentazzjoni u eċċezzjonijiet),
– (d) il-ħtieġa li jkun żgurat li kull bidla fin-nefqa li relatata mas-sena ta' qabel tkun skond il-limiti tad-dixxiplina ta' l-baġit.
L-abbozz preliminari tal-baġit se jkun akkumpanjat minn Dikjarazzjonijiet ta' Ħidma bħalma huwa t-tagħrif meħtieġ taħt l-Artikolu 27(3) u l-Artikolu 33(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju (għanijiet, indikaturi u tagħrif ta' valutazzjoni).

33. L-istituzzjonijiet, kemm jista' jkun, se jevitaw milli jdaħħlu fil-baġit punti li jinvolvu ammonti mhux sinifikanti i ta' nefqa fuq l-operat.
Iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit jimpenjaw ruħhom li jqisu l-valutazzjoni tal-possibbiltajiet ta' l-implimentzzjoni tal-baġit mill–Kummissjoni baġit fl-abbozzi preliminari tagħha u in konnessjoni ma' l-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti.
Qabel ma jsir it-tieni qari tal-Kunsill, il-Kummissjoni tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat tal-baġit tal-Parlament Ewropew, b'kopja lid-driegħ l-ieħor ta' l-awtorità ta' l-baġit, li fiha jkun hemm il-kummenti tagħha fuq kif se jitwettqu l-emendi għall-abbozz tal-baġit adottati mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.
Iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit se jqisu dawn il-kummenti fil-kuntest tal-proċedura ta' konċiljazzjoni li hemm fl-Anness II,Parti C.
Fl-interess ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u minħabba l-effett ta' tibdil kbir fin-nomenklatura tal-baġit, fit-titoli u l-kapitoli li jittrattaw ir-responsabbiltajiet ta' rappurtar fit-tmexxija tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit jimpenjaw ruħhom li jiddiskutu mal-Kummissjoni kwalunkwe tibdil kbir bħal dan matul il-proċedura ta' konċiljazzjoni.

**C. Il-Klassifikazzjoni tan-nefqa**

34. L-istituzzjonijiet iqisu n-nefqa obbligatorjabħala nefqa li tirrizulta neċessarjament lmit-Trattati jew

| |
|---|
| inkella mill-atti konsegwenti għalihom.. |
| 35. L-abbozz preliminari tal-baġit għandu jinkludi proposta għall-klassifikazzjoni ta' kull punt ġdid li jkun hemm fil-baġit u ta' kull punt tal-baġit li jkollu bażi legali emendata.<br>Jekk dawn ma jaċċettawx il-klassifikazzjoni proposta fl-abbozz preliminari ta' l-baġit, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jeżaminaw il-klassifikazzjoni tal-punt tal-baġit kkonċernat fuq il-bażi ta' l-Anness III. . Dan ifittxu li jaslu ghal ftehim permezz tal-proċedura ta' konċiljazzjoni pprovduta fl-Anness II, Parti C. |
| **D. Ir-rata massima ta' żieda għan-nefqa mhux obbligatorja fin-nuqqas ta' qafas finanzjarju**<br><br>36. Bla ħsara għall-ewwel paragrafu tal-punt 13, l-istituzzjonijiet jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) il-marġini awtonomu tal-Parlament Ewropew ta' manuvra għall-għanijiet tar-raba' sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat tal-KE – li għandu jkun in-nofs tar-rata massima – għandu japplika mit-twaqqif ta' l-abbozz tal-baġit mill-Kunsill fl-ewwel qari, inklużi kwalunkwe ittri ta' emenda.<br>L-ogħla rata għandha titħares f'rabta -mal-baġit annwali, inkluż baġit ta' emenda. Bla preġudizzju għall-istabbiliment ta' rata ġdida, kull porzjon tar-rata massima li ma jkunx intuża għandu jibqa' disponibbli biex jintuża, u jkun jista' jintuża, meta jkunu tqiesu l-abbozzi ta' emenda;<br>(b) bla preġudizzju għall-paragrafu (a), jekk matul il-proċedura tal-baġit jkun jidher li t-tlestija tal-proċedura tista' tkun teħtieġ ftehim biex tkun stabbilita rata ġdida ta' żieda għan-nefqa mhux obbligatorja biex tkun tapplika għall-approprjazzjonijiet għall-ħlas u/jew rata ġdida biex tkun tapplika għall-approprjazzjonijiet għall-impenji (ir-rata ta' l-aħħar tista' tkun fuq livell differenti minn dik ta' l-ewwel), l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu biex jinkiseb ftehim bejn iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit permezz tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fl-Anness II, Parti C. |
| **E. L-Inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet finanzjarji f'atti leġislattivi**<br><br>37. Kull atti leġislattiv li jkun jikkonċerna programm multiannwali adottat taħt il-proċedura ta' ko-deċiżjoni għandu dispożizzjoni li fiha l-awtorità leġislattiva tistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għall-programm.<br>Dak l-ammont jikkostitwixxi r-referenza primarja għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura annwali ta' l-baġit.<br>L-awtorità tal-baġit u l-Kummissjoni, fit-tfassil ta' l-abbozz preliminari tagħha -tal-baġit, jimpenjaw ruħhom li ma jmorrux lil hinn b'aktar minn 5 % minn dak l-ammont għat-tul sħiħ tal-programm in kwistjoni, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi ġodda, oġġettivi, u ta' perijodu twil u li għalihom jingħataw raġunijiet espliċiti u preċiżi, waqt li jitqiesu wkoll ir-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm, l-aktar fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet. Kwalunkwe żieda li tirriżulta minn tali varjazzjoni għandha tibqa' fil-limitu massimu eżistenti għall-intestatura in kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-użu ta' strumenti previsti f'dan il-Ftehim.<br>Dan il-punt ma japplikax għall-approprjazzjonijiet tal-koeżjoni adottati taħt il-proċedura tal-ko-deċiżjoni u li jkunu ġġew allokati minn qabel mill-Istati Membri, li jinkludu pakkett finanzjarju għall-perijodu totali tal-programm. |
| 38. L-atti leġislattivi dwar il-programmi multiannwali li ma jkunux suġġetti għall-proċedura ta' ko-deċiżjoni m'għandhomx jinkludu 'ammont li jitqies meħtieġ'.<br>Jekk il-Kunsill ikun jixtieq jinkludi referenza finanzjarja, din għandha titqies bħala waħda li qed turi r-rieda ta' l-awtorità leġislattiva u m'għandhiex tolqot is-setgħat ta' l-awtorità tal-baġit kif mfissra fit-Trattat KE. Din id-dispożizjoni tissemma fl-iatti kollha li jinkludu t-tali referenza finanzjarja. .<br>Jekk l-ammont ikkonċernat kien is-suġġett ta' ftehim skond il-proċedura ta' konċiljazzjoni pprovduta fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' l-4 ta' Marzu |

1975[10], dan għandu jitqies bħala ammont ta' referenza fis-senstal-Punt 37 ta' dan il-Ftehim.

39. F'termini finanzjarji, id-dikjarazzjoni finanzjarja li hemm fl-Artikolu 28 tar-Regolament Finanzjarju tirrifletti l-għanijiet tal-programm propost u tinkludi skeda li tkopri l-perijodu tal-programm. Tiġi riveduta, fejn ikun meħtieġ, meta l-abbozz preliminari tal-baġit jitfassal, b'kont meħed tal-livell ta' implimentazzjoni tal-programm. Id-dikjarazzjoni riveduta tingħata lill-awtorità dwar il-baġit meta jiġi preżentat l-abbozz preliminari tal-baġit j u wara li l-baġit ikun adottai.

40. Fil-limiti tar-rati massimi żieda għan-nefqa mhux obbligatorja speċifikata fl-ewwel paragrafu tal-punt 13, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit jjimpenjaw ruħhom li jirrispettaw l-allokazzjonijiet ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji previsti fl-atti bażiċirelevanti għall-operati strutturali, l-iżvilupp rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd.

### F. Nefqa relatata mal-ftehim tas-sajd

41. L-istituzzjonijiet jaqblu li jiffinanzjaw in-nefqa fuq il-ftehim tas-sajd skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Anness IV.

### G. L-Iffinanzjar tal-politika komuni estera u tas-sigurtà (PESK)

42. Għan-nefqa tal-PESK addebitata għall-baġit ġenerali tal-Komunutajiet Ewropej skond l-Artikolu 28 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu, fil-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fl-Anness II, Parti C u fuq il-bażi ta' l-abbozz preliminari tal-baġit stabbilit mill-Kummissjoni, biex kull sena jinkisebftehim dwar l-ammont tan-nefqa ta' l-operat li għandu jiġi addebitat lill-baġit tal-Komunità kif ukoll fuq id-distribuzzjoni ta' dan l-ammont bejn l-artikoli tal-kapitolu tal-baġit tal-PESK suġġerit fir-raba' paragrafu ta' dan il-Punt. Fin-nuqqas ta' ftehim, huwa mifhum li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jdaħħlu fil-baġit l-ammont inkluż fil-baġit ta' qabel jew l-ammont propost fl-abbozz preliminari tal-baġit, liema minn dawn ikun l-aktar baxx.
L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-PESK tiddaħħal kollha f'kapitolu wieħed tal-baġit (PESK) u jiġi distribwit bejn l-artikoli ta' dak il-kapitolu kif suġġerit fir-raba' paragrafu ta' dan il-Punt. Dak l-ammont għandu jkopri l-bżonnijiet reali prevedibblii, evalwati fil-qafas tat-twaqqif ta' abbozz preliminari tal-baġit, fuq il-bażi ta' tbassir imfassal kull sena mill-Kunsill, u marġini raġjonevoli għal azzjonijiet mhux imbassra. Mhu se jiddaħħlu l-ebda ammonti f'riżerva. Kull artikolu jkopri strumenti li kienu diġà ġew adottati, strumentii li huma previsti iżda li għadhom ma ġewx adottati u kull strument futur – i.e. mhix previst – li għandu jiġi adottat mill-Kunsill waqt is-sena finanzjarja kkonċernata.
Billi, taħt ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha l-awtorità, PESK, li tittrasferixxi approprjazzjonijiet b'mod awtonomu bejn l-artikoli f'kapitlu wieħed tal-PESK l-fil-baġit, tkun żgurata l-flessibbiltà meqjusa bħala meħtieġa għall-implimentazzjoni mgħaġġla ta' azzjonijiet tal-PESK. . Fil-każ li l-ammont tal-kapitlu tal-baġit tal-PESK matul is-sena finanzjarja ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż meħtieġa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ifittxu soluzzjoni b'mod urġenti , fuq proposta mill-Kummissjoni, waqt li jitqies il-Punt 25.
Fil-kapitolu tal-baġit tal-PESK, l-artikoli li fihom għandhom jiddaħħlu –l-azzjonijiet tal-PESK jistgħu jaqrawfuq il-linji li ġejjin:

- operazzjonijiet ta' l-immaniġġjar i ta' kriżijiet, prevenzjoni ta' kunflitt, riżoluzzjoni u stabilizzazzjoni, sorveljanza u implimentazzjoni ta' proċessi ta' paċi u ta' sigurtà,
- in-non-proliferazzjoni u d-diżarm,
- miżuri ta' emerġenza,
- miżuri ta' tħejjija u segwitu,

10 ĠU C 89, 22.4.1975.

| |
|---|
| – Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea<br><br>L-istituzzjonijiet jaqblu li mill-inqas EUR 1 740 miljun jkunu disponibbli għall-PESK matul il-perjodu 2007-2013 u li l-ammont għal miżuri mdaħħla taħt l-artikolu msemmi fit-tielet inċiż ma jeċċediex l-20% ta' l-ammont globali tal-kapitolu tal-baġit tal-PESK. |
| 43. Kull sena, il-Presidenza tal-Kunsill tikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar dokument tal-Kunsill li jħares 'il quddiem, u li jkun trażmess sal-15 ta' Ġunju għas-sena in kwistjoni, li jistabbilixxi l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n-1. Barra minn hekk, il-Presidenza tal-Kunsill iżżomm il-Parlament infurmat billi tagħmel laqgħat ta' konsultazzjoni konġunta mill-anqas ħames darbiet fis-sena, fil-qafas tad-djalogu politiku regolari dwar il-PESK, li dwarhom ikun hemm qbil mhux aktar tard mill-laqgħa ta' konċiljazzjonili għandha sseħħ qabel it-tieni qari tal-Kunsill. Il-parteċipazzjoni f'dawn il-laqgħat għandha tkun kif ġej:<br>- il-Parlament Ewropew: il-bureaux taż-żewġ Kumitati konċernati<br>- il-Kunsill: l-Ambaxxatur (President tal-Kumitat ta' Politika u Sigurtà)<br>Il-Kummissjoni se tkun assoċjata u se tieħu sehem f'dawn il-laqgħat.<br>Kull meta tadotta deċiżjoni fil-qasam tal-PESK li tinvolvi nefqa, il-Kunsill għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, minnufih u f'kull każ mhux aktar minn ħamest ijiem wara d-deċiżjoni finali, stima ta' l-infiq previst ('dikjarazzjoni finanzjarja'), b'mod partikolari dak li għandu x'jaqsam mal-limitu ta' żmien, il-personell impjegati, l-użu tal-bini u infrastruttura oħra, faċilitajiet ta' trasport, rekwiżiti ta' taħriġ u arranġamenti ta' sigurtà.<br>Kull tliet xhur il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-PESK u dwar il-previżjonijiet finanzjarji għall-perijodu li jkun għad fadal minn dik is-sena. |
| |

## PARTI III – AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA TAL-FONDI TA' L-UE

### A. Biex ikun żgurat kontroll intern effettiv u integrat tal-fondi tal-Komunità

44. L-istituzzjonijiet jaqblu dwar l-importanza li jissaħħaħ il-kontroll intern mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv li għalih is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni bażilari hi prerekwiżit. F'dan il-kuntest, tingħata prijorità lill-amministrazzjoni finanzjarja tajba bl-għan ta' Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pożittiva (DAS) għal fondi taħt tmexxija kondiviża. Jistgħu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet skond il-każ, kif xieraq, fl-atti leġiżlattivi bażiċi konċernati. Bħala parti mir-responsabbiltajiet imkabbra tagħhom għal fondi strutturali u skond il-ħtiġijiet kostituzzjonali nazzjonali, l-awtoritajiet ta' verifika relevanti fl-Istati Membri għandhom jipproduċu evalwazzjoni dwar il-konformità tas-sistemi ta' amministrazzjonia u kontroll mar-regolamenti tal-Komunità.
L-Istati Membri għalhekk jimpenjaw irwieħhom li jipproduċu sommarju annwali fil-livell nazzjonali xieraq tal-verifiki u dikjarazzjonijiet disponibbli.

### B. Regolament Finanzjarju

45. L-istituzzjonijiet jaqblu li dan il-Ftehim u l-baġit ikunu implimentati fil-kuntest ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba bbażata fuq il-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza, effikaċja, protezzjoni ta' interessi finanzjarji, proporzjonalità ta' nefqiet amministrattivi, u proċeduri li jirrispettaw l-utent. L-Istituzzjonijiet għandhom jieħdu miżuri, partikolarment fir-Regolament Finanzjarju, li għandhom ikunu adottati wara l-proċedura ta' konċiljazzjoni stabbilita mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ta' l-4 ta' Marzu 1975, fl-ispirtu li ppermetta ftehim fl-2002.

### C. Programmar Finanzjarju

46. Il-Kummissjoni se tressaq darbtejn fis-sena, l-ewwel darba f'Mejju/Ġunju (flimkien mad-dokumenti li jakkompanjaw l-abbozz preliminari ta' l-baġit) u t-tieni darba f'Diċembru/Jannar (wara l-adozzjoni ta' l-baġit), programmar finanzjarju komplet għall-Intestaturi 1A, 2 (għall-ambjent u s-sajd), 3A, 3B u 4 tal-qafas finanzjarju. Dan id-dokument, strutturat bl-intestatura, b'oqsma ta' politika u l-linja tal-baġit għandu jidentifika :

a. il-<u>leġiżlazzjoni fis-seħħ</u> bid-distinzjoni bejn programmi multiannwali u azzjonijiet annwali:

- għal programmi multiannwali l-Kummissjoni għandha tindika l-proċedura li taħtha kienu adottati (ko-deċiżjoni u konsultazzjoni), it-tul tagħhom, l-ammonti ta' referenza, is-sehem allokat għan-nefqa amministrattiva;

- għal azzjonijiet annwali (proġetti pilota, azzjonijiet ta' tħejjija, Aġenziji) u azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi baġit multiannwali u (għal proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija) il-marġini mħollija taħt il-limiti massimi awtorizzati ffissatifil-Parti D ta' l-Anness II ;

b. <u>leġiżlazzjoni pendenti:</u> proposti kurrenti tal-Kummissjoni referenzjati mill-linja tal-baġit (livell inferjuri), kapitolu u qasam ta' politika. Għandu jinstab mekkaniżmu sabiex ikunu aġġornati t-tabelli kull darba li tkun adottata proposta ġdida sabiex ikunu evalwati l-konsegwenzi finanzjarji.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra modi ta' riferiment reċiproku bejn il-programmar finanzjarju u l-programmar leġiżlattiv sabiex tipprovdi previżjonijiet aktar preċiżi u affidabbli Għal kull proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni għandha tindika jekk hix inkluża fl-ipprogrammar għal Mejju-Diċembru jew le. L-awtorità dwar l-baġit għandha tkun partikolarment mgħarrfa dwar:

a. l-atti leġiżlattivi ġodda kollha adottati imma mhux inklużi fid-dokument ta' Mejju-Diċembru (bl-ammonti korrispondenti);

b. il-leġiżlazzjoni pendenti kollha ppreżentata imma mhux inkluża fid-dokument ta' Mejju-Diċembru (bl-ammonti korrispondenti);

c. leġiżlazzjoni prevista fil-programm ta' xogħol leġiżlattiv annwali tal-Kummissjoni bl-indikazzjoni ta' azzjonijiet li tendenzjalment ikollhom impatt finanzjarju (iva/le).

Kull meta jkun meħtieġ il-Kummissjoni għandha tindika l-ipprogrammar mill-ġdid implikat minn proposti legiżlattivi ġodda

| |
|---|
| Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni, għandu jsir rendikont f'kull trialogu, kif previst f'dan il-ftehim. . |
| **D. Aġenziji u skejjel Ewropej**<br>47. Meta tfassal il-proposta tagħha għall-ħolqien ta' kwalunkwe aġenzija ġdid, il-Kummissjoni se tevalwa l-implikazzjonijiet tal-baġit għall-intestatura ta' nfiq konċernata. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġiżlattivi li jirregolaw it-twaqqif ta' l-aġenzija , iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità dwar il-baġit jimpenjaw irwieħhom, fil-qafas ta' kooperazzjoni dwar il-baġit, li jilħqu ftehim f'waqtu dwar l-iffinanzjar ta' l-aġenzija .<br>Għandha tkun applikata proċedura simili meta jkun maħsub il-ħolqien ta' skola Ewropea ġdida. |
| **E. Aġġustament ta' Fondi Strutturali, Fond ta' Koeżjoni, Żvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' l-implimentazzjoni tagħhom**<br>48. Fil-każ ta' l-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2007 ta' regoli jew programmi ġodda li jirregolaw il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, l-iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità dwar l-baġit jimpenjaw irwieħhom li jawtorizzaw, fuq proposta mill-Kummissjoni, it-trasferiment għas-snin sussegwenti, fl-eċċessii tal-limiti massimi ta' nfiq korrispondenti, ta' allokazzjonijiet mhux użati fl-2007.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jieħdu deċiżjonijiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar it-trasferiment ta' allokazzjonijiet mhux użati għas-sena 2007 qabel l-1 ta' Mejju 2008, skond il-Punt 3. . |
| **F. Strumenti finanzjarji ġodda**<br>49. L-istituzzjonijiet jaqblu li l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' ko-finanzjament hi meħtieġa sabiex issaħħaħ l-effett ta' stimolu tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea billi jiżdied l-inċentiv għall-iffinanzjar. Jaqblu li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' strumenti finanzjali multiannwali xierqa li jaħdmu bħala katalisti għal investituri privati u pubbliċi.<br>Meta tippreżenta l-abbozz preliminari ta' l-baġit, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-awtorità dwar l-baġit dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Fond Ewropew għall-Investime,t u l-Bank Ewropew ghar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp sabiex jappoġġaw investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, netwerks tranż-Ewropej u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. |

*ANNESS I*

# IL-QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

*(Miljuni ta' EUR - prezzijiet ta' l-2004)*

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir Ekonomiku Sostenibbli** | **51 267** | **52 415** | **53 616** | **54 294** | **55 368** | **56 876** | **58 303** | **382 139** |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi | 8 404 | 9 097 | 9 754 | 10 434 | 11 295 | 12 153 | 12 961 | 74 098 |
| 1b Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi | 42 863 | 43 318 | 43 862 | 43 860 | 44 073 | 44 723 | 45 342 | 308 041 |
| **2. Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **54 985** | **54 322** | **53 666** | **53 035** | **52 400** | **51 775** | **51 161** | **371 344** |
| li minnhom: nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 43 120 | 42 697 | 42 279 | 41 864 | 41 453 | 41 047 | 40 645 | 293 105 |
| **3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja** | **1 199** | **1 258** | **1 380** | **1 503** | **1 645** | **1 797** | **1 988** | **10 770** |
| 3a Libertà, sigurtà u ġustizzja | 600 | 690 | 790 | 910 | 1 050 | 1 200 | 1 390 | 6 630 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4 140 |
| **4. L-UE bħala attur globali** | **6 199** | **6 469** | **6 739** | **7 009** | **7 339** | **7 679** | **8 029** | **49 463** |
| **5. Amministrazzjoni** (1) | **6 633** | **6 818** | **6 973** | **7 111** | **7 255** | **7 400** | **7 610** | **49 800** |
| **6. Kumpensi** | **419** | **191** | **190** | | | | | **800** |
| **TOTAL TA' APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI** | **12 0702** | **12 1473** | **12 2564** | **122 952** | **124 007** | **125 527** | **127 091** | **864 316** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1,10% | 1,08% | 1,07% | 1,04% | 1,03% | 1,02% | 1,01% | 1,048% |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL TA' APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-ĦLAS** | **116 650** | **119 620** | **111 990** | **118 280** | **115 860** | **119 410** | **118 970** | **820 780** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1,06% | 1,06% | 0,97% | 1,00% | 0,96% | 0,97% | 0,94% | 1,00% |
| Marġni disponibbli | 0,18% | 0,18% | 0,27% | 0,24% | 0,28% | 0,27% | 0,30% | 0,24% |
| Limitu tar-Riżorsi Proprji bħala perċentwal tad-DGN | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% |

(1) In-nefqa fuq il-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu għal din l-intestatura hija kkalkulata netta mill-kontribuzzjonijiet lejn l-iskema rilevanti, fil-limitu ta' € 500 miljun fi prezzijiet ta' l-2004 għall-perjodu 2007-2013.

*ANNESS II*

## KOLLABORAZZJONI INTERISTITUZZJONALI FIL-QASAM TAL-BAĠIT

| |
|---|
| Parti A.<br>Wara l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena finanzjarja li ġejja, waqt li titqies l-Istrateġija ta' Politika Annwali ppreżentata mill-Kummissjoni u qabel id-deċiżjoni tagħha fuq l-abbozz preliminari tal-baġit, għandha tinżamm laqgħa ta' trijalogu biex ikunu diskussi l-prijoritajiet possibbli għall-baġit għal dik is-sena. Għandhom jitqiesu wkoll is-setgħat ta' l-istituzzjonijiet kif ukoll lill-iżvilupp previst dwar il-ħtiġiet għas-sena finanzjarja li ġejja u għal dawk ta' wara koperti bil-qafas finanzjarju. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-elementi l-ġodda li ħarġu wara t-twaqqif tal-qafas finanzjarju tal-bidu lil hawn u li x'aktarx ikollhom impatt finanzjarju sostanzjali fit-tul fuq il-baġit ta' l-Unjoni Ewropea. |
| Parti B.<br>Dwar in-nefqa obbligatorja, il-Kummissjoni, fil-preżentazzjoni ta' l-abbozz preliminari tal-baġit tagħha, għandha tidentifika:<br>(a) l-approprjazzjonijiet marbuta ma' leġislazzjoni ġdida jew ippjanata;<br>(b) approprjazzjonijiet li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni ta' leġislazzjoni eżistenti meta jkun ġie adottat l-baġit ta' qabel.<br>Il-Kummissjoni se tagħmel stima għaqlija ta' l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-obbligi tal-Komunità bbażati fuq ir-regoli. Jekk ikun meħtieġ, din se taġġorna l-istima tagħha matul il-proċedura tal-baġit stess. Din se tipprovdi lill-awtorità tal-baġit bir-raġunijiet iġġustifikati kollha li din tista' tkun teħtieġ.<br>Jekk tkun tqisu neċessarju, il-Kummissjoni tista' tippreżenta liż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit ittra ta' emenda ad hoc biex taġġorna l-figuri li fuqhom hi bbażata l-istima tan-nefqa agrikola fl-abbozz preliminari tal-baġit u/jew biex tikkoreġi, fuq il-bażi tat-tagħrif l-aktar reċenti li jkun disponibbli dwar il-ftehim tas-sajd li jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata, l-ammonti u tqassim tagħhom bejn l-approprjazzjonijiet mdaħħla fil-punti ta' l-operat għall-ftehim internazzjonali tas-sajd u dawk imdaħħla fir-riżerva.<br>Dik l-ittra ta' emenda għandha tintbagħat lill-awtorità tal-baġit qabel l-aħħar ta' Ottubru. Jekk din tiġi ppreżentata lill-Kunsill f'inqas minn xahar qabel l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu bħala regola jqis l-ittra ta' emenda ad hoc meta l-abbozz tal-baġit jkun se jgħaddi għat-tieni qari.<br>Bħala konsegwenza, qabel ma l-Kunsill jgħaddi għat-tieni qari tal-baġit, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit għandhom jippruvaw jissodisfaw l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ittra ta' emenda li għandha tiġi adottata f'qari wieħed minn kull waħda mill-istituzzjonijiet ikkonċernati.. |
| Parti C.<br>1. Proċedura ta' konċiljazzjoni qed tiġi stabbilita għall-infiq kollu.<br>2. L-għan tal-proċedura ta' konċiljazzjoni huwa sabiex:<br>(a) jitkomplew id-diskussjonijiet dwar ix-xejra ġenerali tan-nefqa u, f'dan il-qafas, fuq il-linji ġenerali tal-baġit għas-sena ta' wara, fid-dawl ta' l-abbozz preliminari tal-baġit tal-Kummissjoni; |

| |
|---|
| (b) jiżgura ftehim bejn iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit dwar:<br>– l-approprjazzjonijiet imsemmija fil-Punt B (a) u B (b), inklużi dawk proposti fl-ittra ta' emenda ad hoc imsemmija f' dik il-Parti,<br>– l-ammonti li għandhom jiddaħħlu fl-baġit għan-nefqa mhux obbligatorja, skond il-punt 40 ta' dan il-Ftehim, u<br>– b'mod partikolari, materji li għalihom qed issir referenza għal din il-proċedura f'dan il-Ftehim.<br>3. Il-proċedura se tibda b'laqgħa ta' trijalogu li għandha tinżamm f'waqtha biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jilħqu ftehim sa mhux aktar tard mid-data magħżula mill-Kunsill biex ikun stabbilit l-abbozz tal-baġit tiegħu. Se jkun hemm konċiljazzjoni fuq ir-riżultati ta' dan it-trijalogu bejn il-Kunsill u delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, bil-Kummissjoni wkoll tieħu sehem.<br>Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor matul it-trijalogu, il-laqgħa ta' konċiljazzjoni għandha tinżamm waqt il-laqgħa tradizzjonali bejn l-istess parteċipanti fid-data magħżula mill-Kunsill biex jiġi stabbilit l-abbozz tal-baġit.<br>4. Jekk ikun meħtieġ, tista' tinżamm laqgħa ta' trialogu qabel l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew wara proposta bil-miktub mill-Kummissjoni jew talba bil-miktub mill-President tal-Kumitat dwar il-Baġit tal-Parlament Ewropew jew il-President tal-Kunsill (Baġit). Id-deċiżjoni dwar jekk isirx it-trialogu tittieħed permezz ta' qbil bejn l-istituzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' l-abbozz tal-baġit tal-Kunsill u qabel il-vot dwar l-emendi waqt l-ewwel qari mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-baġit.<br><br>5. L-istituzzjonijiet ser ikomplu l-konċiljazzjoni wara l-ewwel qari tal-baġit minn kull waħda miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità dwar il-baġit sabiex ikun żgurat ftehim dwar nefqa obbligatorja u mhux obbligatorja u, b'mod partikolari, sabiex tkun diskussa l-ittra ta' emenda ad hoc imsemmija fil-Parti B.<br>Issir laqgħa ta' trialogu għal dan l-għan wara l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew.<br>Ir-riżultati tat-trialogu jkunu diskussi fit-tieni laqgħa ta' konċiljazzjoni li tinżamm f'jum it-tieni qari tal-Kunsill.<br>Jekk meħtieġ, l-istituzzjonijiet ikomplu d-diskussjonijiet tagħhom dwar in-nefqa mhix obbligatorja wara t-tieni qari tal-Kunsill.<br>6. F'dawk il-laqgħat ta' trialogu, id-delegazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet jitmexxew mill-President tal-Kunsill (Baġit), il-President tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Baġit u l-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-baġit.<br>7. Kull driegħ ta' l-awtorità dwar il-baġit jieħu kwalunkwe pass meħtieġ sabiex jiżgura li r-riżultati li jistgħu jkunu assigurati fil-proċess ta' konċiljazzjoni jkunu rispettati matul il-proċedura kollha tal-baġit . |
| Parti D.<br>Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel evalwazzjoni f'waqtha dwar l-implimentabbilta' ta' l-emendi previsti mill-awtorità tal-baġit, li joħolqu azzjonijiet ġodda ta' tħejjija/proġetti pilota jew itawlu dawk eżistenti, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit se jgħarrfu lill-Kummissjoni sa nofs Ġunju dwar l-intenzjonijiet tagħhom għar-rigward. Dan biex l-ewwel diskussjoni tkun diġà tista' ssir fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni ta' l-ewwel qari tal-Kunsill. Il-passi li jmiss tal-proċedura ta' konċiljazzjoni u li huma previsti fil-Parti C għandhom jgħoddu wkoll, kif ukoll id-dispożizzjonijiet fuq l-implimentabbilta' msemmija fil-Punt 36 ta' dan il-ftehim.<br>Aktar minn hekk,  l-istituzzjonijiet jaqblu li jillimitaw l-ammont totali ta' l-approprjazzjonijiet |

għall-iskemi pilota għal EUR 40 miljun fi kwalunkwe sena ta' baġit. Huma jaqblu wkoll li jillimitaw fi kwalunkwe sena tal-baġit l-ammont totali ta' l-approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet ġodda ta' tħejjija għal EUR 50 miljun , waqt li jillimitaw għal EUR 100 miljun l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet li bħalissa huma impenjati għall-azzjonijiet tat-tħejjija.

*ANNESS III*

## KLASSIFIKAZZJONI TAN-NEFQA

| | | |
|---|---|---|
| **L-intestatura 1.** | **Tkabbir sostenibbli** | |
| **1A** | **Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi** | Nefqa mhux obbligatorja (NCE) |
| **1B** | **Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi** | NCE |
| **L-intestatura 2.** | **Preservazzjoni u tmexxija ta' riżorsi naturali** | NCE |
| | Ħlief: | |
| | *Nefqa tal-politika agrikola komuni li tirrigwarda miżuri tas-suq u għajnuniet diretti, inklużi miżuri għas-suq fis-sajd u ftehim dwar is-sajd konklużi ma' partijiet terzi* | Nefqa obbligatorja (CE) |
| **L-intestatura 3.** | **Ċittadinanza, ħelsien, sigurtà u ġustizzja** | NCE |
| **3A** | **Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja** | NCE |
| **3B** | **Ċittadinanza** | NCE |
| **L-intestatura 4.** | **L-UE bħala attriċi globali** | NCE |
| | Ħlief: | |
| | *Nefqa li tirriżulta minn ftehim internazzjonali li l-Unjoni Ewropea tikkonkludi ma' partijiet terzi.* | CE |
| | *Kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet internazzjonali* | CE |
| | *Kontribuzzjonijiet li jipprovdu l-fond dwar il-garanzija għas-self* | CE |
| **L-intestatura 5.** | **Amministrazzjoni** | NCE |
| | Ħlief: | |
| | *Pensjonijiet u għotjiet għat-tluq* | CE |
| | *Għotjiet u kontribuzzjonijiet varji fit-tmiem tas-servizz* | CE |
| | *Spejjeż legali* | CE |
| | *Ħsarat* | CE |
| **L-intestatura 6.** | **Kumpensi** | CE |

*ANNESS IV*

## L-IFFINANZJAR TAN-NEFQA LI TKUN ĠEJJA MILL-FTEHIM TAS-SAJD

| |
|---|
| Parti A. In-nefqa marbuta mal-ftehim tas-sajd qed tkun iffinanzjata minn żewġ punti li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-politika tas-sajd (b'referenza għall-ħidma bbażata fuq in-nomenklatura tal-baġit):<br>(a) ftehim internazzjonali tas-sajd (11 03 01);<br>(b) kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali (11 03 02).<br>L-ammonti kollha relatati ma' ftehim u protokolli li huma fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena in kwistjoni se jiddaħħlu taħt l-intestatura 11 03 01. L-ammonti marbuta mal-ftehim kollha ġodda jew li jiġġeddu li jidħlu fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar tas-sena in kwistjoni se jiġu assenjati lill-intestatura 40 02 41 02 – Riżervi/Approprjazzjonijiet differenzjati (nefqa obbligatorja). |
| Parti B. Fil-proċedura ta' konċiljazzjoni pprovduta fl-Anness II, Parti C, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jfittxu li jintlaħaq ftehim fuq l-ammont li għandu jiddaħħal fl-intestaturi tal-baġit u fir-riżerva fuq il-bażi tal-proposta magħmula mill-Kummissjoni. |
| Parti C. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew mgħarraf regolarment dwar it-tħejjija u l-andament tan-negozjati, inklużi l-implikazzjonijiet ta' l-baġit. Matul il-proċess leġislattiv marbut mal-ftehim tas-sajd, l-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċeduri kollha jitwettqu malajr kemm jista' jkun.<br>Jekk l-approprjazzjonijiet marbuta mal-ftehim tas-sajd (inkluża r-riżerva) ma jkunux suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtorità tal-baġit bit-tagħrif meħtieġ għal skambju ta' ideat fl-għamla ta' trijalogu, possibbilment issimplifikat, fuq il-kawżi tas-sitwazzjoni, u fuq il-miżuri li jistgħu jiġu adottati taħt proċeduri stabbiliti. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri xierqa.<br>Kull tliet xhur il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-awtorità tal-baġit tagħrif dettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim li jkun hemm fis-seħħ u dwar il-previżjonijiet finanzjarji għall-bqija tas-sena. |

## DIKJARAZZJONIJIET

**1. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-operat tal-Ftehim Interistituzzjonali**

B'rabta mal-Punt 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-operat tal-Ftehim Interistituzzjonalisa tmiem l-2009 akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti relevanti.

**2. Dikjarazzjoni dwar Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali**

Fil-qafas tal-proċedura annwali tal-baġit, il-Kummissjoni se tgħarraf lill-Awtorità dwar il-Baġit dwar l-ammont disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà imsemmi lfil-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali.
Kwalunkwe deċiżjoni sabiex ikun mobilizzat l-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont li jeċċedi EUR 200 miljun tkun timplika deċiżjoni ta' trasferiment 'il quddiem.

**3. Dikjarazzjoni dwar Reviżjoni tal-qafas finanzjarju**

1. Skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni ġiet mistiedna sabiex twettaq reviżjoni wiesgħa u sħiħa li tkopri l-aspetti kollha ta' l-infiq ta' l-UE, inkluża l-Politika Agrikola Komuni, u tar-riżorsi, inkluż it-tnaqqis mogħti lir-Renju Unit, u biex tirrapporta fl-2008/9. Dik ir-reviżjoni għandha tkun akkumpanjata minn evalwazzjoni ta' l-operat tal-Ftehim Interistituzzjonali. Il-Parlament Ewropew ser ikun assoċjat mar-reviżjoni fl-istadji kollha tal-proċedura a abbażi tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- waqt il-fażi ta' eżaminar wara l-preżentazzjoni tar-reviżjoni mill-Kummissjoni, ikun żgurat li jsiru d-diskussjonijiet xierqa mal-Parlament Ewropew abbażi ta' djalogu politiku normali bejn l-istituzzjonijiet u li l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jitqiesu kif xieraq;

- skond il-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew "jista' jieħu deċiżjonijiet dwar is-suġġetti kollha koperti mir-reviżjoni". Il-Parlament Ewropew ikun parti minn kull pass formali ta' segwitu skond il-proċeduri relevanti u b'rispett sħiħ għad-drittijiet stabbiliti.

2. Il-Kummissjoni timpenja ruħha, bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni u riflessjoni li jwassal għat-twaqqif tar-reviżjoni, li taħdem fuq l-iskambju fil-fond ta' perspettivi li se twettaq mal-Parlament Ewropew meta janalizzaw is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll l-intenzjoni tal-Parlament Ewropew li jsejjaħ konferenza li tkun tinvolvi lill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali sabiex tirrevedi s-sistema ta' riżorsi proprji. Tikkunsidra r-riżultat ta' tali konferenza bħala kontribuzzjoni fil-qafas ta' dak il-proċess ta' konsultazzjoni. Hu mifhum li l-proposti tal-Kummissjoni jittressqu kompletament taħt ir-responsabbiltà tagħha.

**4. Dikjarazzjoni dwar skrutinju demokratiku u koerenza ta' azzjonijiet esterni**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħrfu l-ħtieġa ta' razzjonalizzazzjoni ta' l-strumenti varji għal azzjonijiet esterni. Jaqblu li t-tali razzjonalizzazzjoni ta' l-istrumenti, filwaqt li ssaħħaħ il-koerenza u l-kapaċità ta' rispons ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, m'għandhiex taffettwa l-poteri la ta' l-awtorità leġiżlattiva – notevolment fil-kontroll politiku tagħha ta' għażliet strateġiċi – jew ta' l-awtorità dwar l-baġit. It-test tar-regolamenti relevanti għandu jirrifletti dawk il-prinċipji u jinkludi, fejn xieraq, il-kontenut ta' politika neċessarja u tqassima indikattiva ta' riżorsi u , fejn meħtieġ, klawsola ta' reviżjoni bl-għan li tkun evalwata l-implimentazzjoni tar-regolament, wara tliet snin, l-aktar tard.
Taħt l-istrumenti bażiċi leġislattivi adottati bil-proċedura ta' ko-deċiżjoni, il-Kummissjoni sistematikament tinforma u tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill billi tibgħat abbozzi ta' aġġornamenti strateġiċi tematiċi u aġġornamenti strateġiċi dwar pajjiżi u reġjuni.
Fejn il-Kunsill jiddeċiedi fuq it-tranżizzjoni ta' kandidati potenzjali għal kandidati ta' qabel l-

adeżjoni waqt il-perjodu kopert mill-Ftehim Interistituzzjonali, il-Kummissjoni se tirrevedi u tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qafas multiannwali indikattiv skond l-Artikolu 4 tar-Regolament li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza Pre-Adeżjoni *(Instrument for Pre-Accession Assistance - IPA)* sabiex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw minn tali tranżizzjoni. Il-Kummissjoni se tipprovdi, fl-abbozz preliminari tal-baġit, nomenklatura li tiżgura l-prerogattivi ta' l-awtorità tal-baġit fuq azzjonijiet esterni.

**5. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskrutinju demokratiku u l-koerenza ta' azzjonijiet esterni**

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tidħol fi djalogu regolari mal-Parlament Ewropew dwar il-kontenut ta' l-abbozzi tal-aġġornamenti strateġiċi tematiċi u aġġornamenti strateġiċi dwar pajjiżi u reġjuni u sabiex tqis kif xieraq il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew meta timplimenta l-istrateġiji.

Dak id-djalogu se jinkludi diskussjoni dwar it-tranżizzjoni ta' kandidati potenzjali għal status ta' qabel l-adeżjoni waqt il-perjodu kopert mill-Ftehim Interistituzzjonali.

**6. Dikjarazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju**

Fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju l-Istituzzjonijiet jimpenjaw irwieħhom sabiex itejbu l-implimentazzjoni ta' l-baġit u jtejbu l-viżibilità u l-benefiċċju ta' l-iffinanzjar komunitarju lejn iċ-ċittadini mingħajr ma jqiegħdu in kwistjoni l-progress miksub fir-*recasting* ta' l-2002 tar-Regolament Finanzjarju. Ifittxu wkoll, kemm jista' jkun, waqt l-istadju finali tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju u r-Regoli Implimentattivi tiegħu, il-bilanċ adegwat bejn il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji, il-prinċipju tal-proporzjonalità tan-nefqa amministrattiva, u proċeduri li jirrispettaw l-utent.

Ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tkun adottata fuq il-bażi ta' proposta modifikata mill-Kummissjoni wara l-proċedura ta' konċiljazzjoni stabbilita bid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' l-4 ta' Marzu 1975, fl-ispirtu li ppermetta l-ftehim milħuq fl-2002. Ifittxu wkoll koperazzjoni interistituzzjonali mill-qrib u kostruttiva għall-adozzjoni b'ħeffa tar-Regoli Implimentattivi sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri ta' ffinanzjar filwaqt li tkun żgurata livell għoli ta' protezzjoni qawwija ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunita'. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma impenjati bis-sħiħ sabiex jikkonkludu n-negozjati dwar ir-Regolament Finanzjarju sabiex jippermettu d-dħul tiegħu fis-seħħ, jekk ikun possibbli, fl-1 ta' Jannar 2007.

**7. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju**

Fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni timpenja ruħha:

- li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk fi proposta għal att legali, hi tqis meħtieġ li titlaq mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, u li tistqarr ir-raġunijiet speċifiċi għal dan;
- li tiżgura li jsiru evalwazzjonijiet regolari dwar l-impatt leġiżlattiv, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, dwar proposti leġiżlattivi importanti u kwalunkwe emendi sostantivi fihom.

**8. Dikjarazzjoni dwar strumenti finanzjarji ġodda**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB), fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, sabiex iressqu proposti:

- skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru ta' l-2005, biex iżżid il-kapaċità ta' l-EIB fis-self u l-garanziji għal riċerka u żvilupp sa EUR 10 biljun fil-perjodu 2007-2013, b'kontribuzzjoni ta' l-EIB sa EUR 1 biljun minn riservi għall-iffinanzjar tat-tqassim tar-riskju (RSFF);
- li ssaħħaħ l-istrumenti favur Netwerks Trans-Ewropej (TENs) u Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju sa ammont approssimattiv ta' self u garanziji ta' EUR 20 biljun u EUR 30 biljun, rispettivament, b'kontribuzzjoni ta' l-EIB sa EUR 0.5 biljun minn riservi (TENs) u

| |
|---|
| sa EUR 1 biljun (Kompetittività u Innovazzjoni) rispettivament. |
| **9. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-modulazzjoni volontarja**<br>Il-Parlament Ewropew jinnota l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 dwar il-modulazzjoni volontarja min-nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet direttital-Politika Agrikola Komuni għal Żvilupp rurali sa massimu ta' 20% u t-tnaqqis għan-nefqa relatata mas-suq. Meta jistabbilixxi l-modalitajiet ta' din il-modulazzjoni ta' l-atti legali relevanti, il-Parlament Ewropew għandu jevalwa l-vijabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet skond il-prinċipji ta' l-UE, bħal regoli ta' kompetizzjoni u oħrajn; il-Parlament Ewropew bħalissa jirriserva l-pożizzjoni tiegħu dwar l-eżitu tal-proċedura. Jikkunsidra li jkun utli li tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-ko-finanzjar ta' l-agrikoltura fil-kuntest tar-reviżjoni ta' l-2008/9. |
| **10. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-modulazzjoni volontarja**<br>Il-Kummissjoni tinnota l-Punt 62 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru ta' l-2005 li bihom l-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu somom addizzjonali min-nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti tal-Politika Agrikola Komuni għall-iŻvilupp Rurali sa massimu ta' 20% ta' l-ammonti li jakkumulawlhom minn nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti.<br>Meta tistabbilixxi l-modalitajiet ta' l-atti legali relevanti, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tagħmel il-modulazzjoni volontarja possibbli filwaqt li tagħmel l-isforzi kollha sabiex tiżgura li mekkaniżmu bħal dan jirrifletti mill-aktar qrib possibbli r-regoli bażiċi tal-politika dwar l-iżvilupp rurali. |
| **11. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Natura 2000**<br>Il-Parlament Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 marbuta mat-tnaqqis tan-nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti tal- Politika Agrikola Komuni u l-konsegwenzi tagħha fuq il-ko-finanzjament ta' Natura 2000 mill-Komunità. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-konsegwenzi ta' dawn id-dispożizzjonijiet qabel ma tagħmel proposti ġodda. Jikkunsidra li għandha tingħata priorità xierqa lill-integrazzjoni ta' Natura 2000 fil-Fondi Strutturali u Żvilupp Rurali. Bħala parti mill-awtorità leġiżlattiva, bħalissa tirriserva l-pożizzjoni tagħha dwar l-eżitu tal-proċedura. |
| **12. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew fuq il-ko-finanzjament privat u l-VATgħall-koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi**<br>Il-Parlament Ewropew jinnota l-konklużjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 dwar l-applikazzjoni tar-regolament ta' diżimpenn awtomatiku N+3 fuq bażi tranżizzjonali; il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, meta tistabbilixxi l-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' din ir-regola fl-atti legali relevanti, sabiex tiżgura regoli komuni għall-ko-finanzjament privat u l-VAT għall-koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. |
| **13. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropewdwar il-finanzjament taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja**<br>Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li meta tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit l-Kummissjoni għandha tagħti stima bir-reqqa ta' l-attivitajiet ippjanati għal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, u li l-iffinanzjar ta' dawn l-attivitajiet għandu jkun diskuss fil-qafas tal-proċeduri previsti fl-Anness II tal-Ftehim Interistituzzjonali. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Conclusion of the Interinstitutional Agreement (IIA) on budgetary discipline and sound financial management |
| **Numru tal-proċedura** | 2006/2028(ACI) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFCO<br>27.10.2005 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Sérgio Sousa Pinto<br>17.11.2005 |
| **Rapporteur(s) preċedenti** | |
| **Eżaminazzjoni fil-kumitat** | 22.2.2006 6.4.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 25.4.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + 11<br>- 0<br>0 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | James Hugh Allister, Jens-Peter Bonde, Richard Corbett, Jean-Luc Dehaene, Andrew Duff, Maria da Assunção Esteves, Ingo Friedrich, Bronisław Geremek, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jacek Protasiewicz, György Schöpflin |
| **Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali** | |
| **Data tat-tressiq** | 26.4.2006 |
| **Kummenti**<br>**(informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |